# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 270/2014

**tas-17 ta' Marzu 2014**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 889/2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikulari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2010/788/PESK tal-20 ta' Diċembru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 889/2005 ([2]) impona ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), f'konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2005/440/PESK ([3]) u skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1596 (2005) tat-18 ta' April 2005 u r-riżoluzzjonijiet rilevanti sussegwenti tan-Nazzjonijiet Uniti (NU). Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/369/PESK ([4]) irrevokat il-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/788/PESK irrevokat il-Pożizzjoni Komuni 2008/369/PESK.

(2) Permezz tar-Riżoluzzjoni 2136 (2014) tat-30 ta' Jannar 2014, il-KSNU ddeċieda li jipprevedi deroga oħra mill-embargo tal-armi.

(3) Dik il-miżura taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex tidħol fis-seħħ, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħha mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 889/2005 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 889/2005, jiżdied il-punt (c) li ġej:

"(c) assistenza teknika, finanzjament u assistenza finanzjarja relatati mal-armi u l-materjal relatat maħsuba unikament għas-sostenn tat-Task Force Reġjonali tal-Unjoni Afrikana jew għall-użu minnha."

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Marzu 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

([1]) ĠU L 336, 21.12.2010, p. 30.

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 889/2005 tat-13 ta' Ġunju 2005 li jimponi ċerti miżuri restrittivi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1727/2003 (ĠU L 152, 15.6.2005, p. 1).

([3]) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2005/440/PESK tat-13 ta' Ġunju 2005 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tirrevoka il-Pożizzjoni Komuni 2002/829/PESK (ĠU L 152, 15.6.2005, p. 22).

([4]) Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/369/PESK tal-14 ta' Mejju 2008 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Kongo u li tirrevoka l-Pożizzjoni Komuni 2005/440/PESK (ĠU L 127, 15.5.2008, p. 84).